32001D0471

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Ġunju, 2001

li tistabbilixxi regoli għall-kontrolli regolari fuq l-iġjene ġenerali miżmuma mill-operaturi ta' stabbilimenti skond id-Direttiva 64/433/KEE dwar il-kundizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk u d-Direttiva 71/118/KEE fuq problemi li jolqtu l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk ta' tajr domestiku.

(notifikata bid-dokument numru Ċ(2000)1561)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/471/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Lulju, 1964, dwar il-kundizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/23/KE [2], u partikolarment Artikolu 10(2) tagħha,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE fuq problemi sanitarji li jolqtu l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk ta' tajr domestiku [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [4], u partikolarment Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

(1) L-operaturi ta' stabbilimenti tal-laħam għandhom jagħmlu kontrolli regolari fuq il-kundizzjonijiet ġenerali ta' l-iġjene tal-produzzjoni fl-istabbiliment tagħhom.

(2) Dawn il-kontrolli għandhom ikunu għal għodda, aċċessorji u makkinarju tul il-produzzjoni kollha u, jekk ikun meħtieġ, għall-prodotti. Dan japplika wkoll għal kontrolli mikrobijoloġiċi.

(3) Biex ikun hemm applikazjoni uniformi, għandhom ikunu stabbiliti n-natura tal-kontrolli, l-frekwenza tagħhom u l-metodi kif isiru l-kampjuni u l-metodi ta' l-eżami batterjoloġika.

(4) Jixraq li dawn il-metodi jkunu stabbiliti fuq is-sisien tal-prinċipji tal-metodoloġija HACCP l-aktar riċenti.

(5) L-operaturi ta' stabbiliment, is-sid jew l-aġent tiegħu għandhom ikunu f'pożizzjoni, fuq talba tas-servizz uffiċjali, li jgħarrfu lill-veterinarju uffiċjali dwar in-natura, il-frekwenza u r-riżultati tal-kontrolli magħmula għal dan il-fini.

(6) Il- veterinarju uffiċjali għandu janalizza regolarment ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru mill-operatur ta' stabbiliment fuq il-kundizzjonijiet ġenerali ta' l-iġene tal-produzzjoni fl-istabbiliment tiegħu.

(7) Stabbilimenti żgħar tal-laħam jista' jkollhom iktar diffikultajiet biex jimplimentaw il-kontrolli proposti minħabba restrizzjonijiet ta' finanzi u ta' riżorsi umani, nuqqas ta' esperjenza, infrastruttura mhux tajba biżżejjed u fatturi oħra rilevanti. Dwar din is-sitwazzjoni jista' jkun hemm varjazzjoni oġġettiva fl-Istati Membri.

(8) Għalhekk jixraq li jkun hemm żmien transitorju itwal f'dak li għandu x'jaqsam ma' stabbilimenti żgħar, bil-kundizzjoni li l-Istati Membri li jagħmlu użu minn din id-deroga jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa biex ikun żgur li l-implimentazzjoni ma ġġibx tgħawwiġ fil-qasam tal-kompetizzjoni.

(9) Il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti.

[1] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.
[2] ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 7.
[3] ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.
[4] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

1. L-operatur ta' stabbiliment tal-laħam għandu jagħmel kontrolli regolari fuq il-kundizzjonijiet ġenerali ta' l-iġene tal-produzzjoni fl-istabbiliment tiegħu, billi jimplimenta u jżomm proċedura permanenti żviluppata skond il-prinċipji HACCP li ġejjin:

(a) jidentifika kull riskju li jista' jkun evitat, eliminat jew miġjub f'livell aċċettabbli,

(b) jidentifika l-punti kritiċi ta' kontroll fil-mument jew mumenti li fih jew fihom il-kontroll huwa essenzjali biex ikun evitat jew eliminat riskju jew biex dan jitnaqqas għal livell aċċettabbli.

(ċ) jistabbilixxi limiti kritiċi f'punti kritiċi ta' kontroll li jisseparaw dak li hu aċċettabbli minn dak li mhux aċċettabbli għall-prevenzjoni, eliminazzjoni jew riduzzjoni ta' riskji identifikati,

(d) jistabbilixxi u japplika proċeduri effettivi ta' sorveljanza fil-punti kritiċi ta' kontroll,

(e) jistabbilixxi l-azzjonijiet korrettivi li jkollhom jittieħdu meta s-sorveljanza tindika li punt ta' kontroll kritiku ma jkunx taħt kontroll.

(f) jistabbilixxi proċeduri biex jivverifika jekk id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-sub-paragrafi (a) sa (e) humiex applikati b'mod effettiv; għandhom isiru proċeduri ta' verifika regolarment,

(g) iħejji dokumenti u reġistri proporzjonati għan-natura u d-daqs ta' l-istabbiliment biex juru l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri msemmija fis-sub-paragrafi (a) sa (f), u biex jiffaċilita kontrolli uffiċjali.

2. Bħala parti mis-sistema msemmija fil-paragrafu 1, operaturi ta' stabbilimenti tal-laħam jistgħu jużaw manwali ta' prattika korretta li jkunu ġew valutati mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 2

Il-kontrolli mikrobijoloġiċi msemmija f'Artikolu 10(2) tad-Direttiva 64/433/KEE għandhom isiru mill-operatur skond il-proċedura stabbilita fl-Anness.

Kampjuni għandhom jittieħdu minn dawk il-postijiet fejn l-aktar jista' jkun hemm riskji ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

Jistgħu jintużaw proċeduri oħra flok dik imsemmija fl-Anness meta jintwera, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, li dawn ikunu għallinqas ekwivalenti għall-proċedura stabbilita fl-Anness.

Artikolu 3

Stati Membri għandhom jassiguraw li stabbilimenti tal-laħam josservaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni fi żmien tnax-il xahar mid-data ta' l-adozzjoni tagħha. Iżda Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw proroga ta' mhux aktar minn erba u għoxrin xahar għal stabbilimenti żgħar tal-laħam, bil-kundizzjoni li jgħarrfu minn qabel lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet li bihom ikunu beħsiebhom jimplimentaw din id-deroga.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, 8 ta' Ġunju, 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. **KAMPJUNI BATTERJOLOĠIĊI TA' KARKASSI (BOVINI, TAL-PORKU, OVINI, KAPRINI U EKWINI) FIL-BIĊĊERIJI**

Din il-gwida tiddeskrivi l-valutazzjoni batterjoloġika ta' l-uċuħ tal-karkassi. Tiġbor fiha kampjuni, l-ipproċessar tal-kampjuni u preżentazzjoni tar-riżultati.

METODU BIEX JITTIEĦED KAMPJUN

Għall-**metodu distruttiv** għandhom jittieħdu mill-karkassa, wara li tkun għaddiet mill-biċċerija iżda qabel ma titqiegħed fil-kesħa, erba' kampjuni ta' tessut rappreżentanti total ta' 20 cm^2. Partijiet ta' tessut jistgħu jittieħdu permezz ta' trapan steriliżżat (2,5 cm) jew billi mill-karkassa titqatta' bi strument steriliżżat porzjon ta' 5 cm^2 u ħoxna mhux aktar minn 5 mm. Fil-biċċerija l-kampjuni għandhom jitpoġġew b'mod asettiku f'reċipjent tal-kampjuni jew f'borża tal-plastik b'sustanza dilwita, meħuda fil-laboratorju u mbagħad omoġenizzati (*Stomacher* peristaltiku jew *blender* rotatorju (omoġeniżżatur).

Jekk jintuża **metodu mhux distruttiv**, it-tampuni għandhom ikunu niedja qabel ma jittieħdu l-kampjuni. Biex it-tampuni jsiru niedja għandha tintuża bħala sustanza dilwita bl-ilma soluzzjoni sterilizzata b'0,1 % ta' pepton + 0,85 % NaCI. Kull tampun għandu jkollu firxa ta' mill-inqas ta' 100 cm2 għal kull parti li minnha jittieħed. It-tampun għandu jibqa' niedi mill-inqas għal ħames sekondi fis-sustanza dilwita u għal bidu għandu jinħakk vertikalment, imbagħad orizzontalment, imbagħad djagonalment għal mhux inqas minn għoxrin sekonda tul il-wiċċ kollu tal-laħam immarkati b'templat. Għandha tintuża pressjoni kemm jista' jkun. Wara li jintuża t-tampun niedi, għandha ssir l-istess proċedura mill-ġdid b'tampun xott. Sabiex ikun hemm riżultati komparabbli għandha tinżamm konsistenza fit-teknika kollha bejn il-kampjuni, il-karkassi u l-ġranet li fihom jittieħdu l-kampjuni.

POSTIJIET TAL-KAMPJUNI GĦALL-EŻAMI TAL-KARKASSI

(ara l-istampi)




Figure 1




Figure 2

Is-siti li ġejjin is-soltu huma xieraq għal kontroll ta' proċess:

bovini: għonq, laħam tas-sidra, falda u laħam tal-koxxa (stampa 1)

ovini u kaprini: falda, kustilji, laħam tas-sidra u sider

porku: laħam tad-dahar, xedaq, parti tan-nofs tal-koxxa ta' wara (perżut) użaqq (stampa 2)

żiemel: falda, laħam tas-sidra, laħam tad-dahar u laħam tal-koxxa.

Iżda jistgħu jintużaw partijiet alternattivi, wara konsultazzjonijiet mal-veterinarju uffiċjali fejn ikun magħruf illi minħabba t-teknoloġija tal-biċċerija fi stabbiliment partikulari, partijiet oħra jista' jkollhom riskji akbar ta' kontaminazzjoni. F'dawn il-każijiet jistgħu jintgħażlu partijiet li juru li jkollhom livelli aktar għolja ta' kontaminazzjoni.

PROĊEDURA Għall-KAMPJUN U NUMRU TA' KAMPJUNI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU

Bejn ħames u għaxar karkassi għandhom jittieħdilhom kampjun kuljum, kull ġimgħa. Din il-frekwenza tista' titnaqqas għal eżami kull ħmistax-il jum jekk ikun hemm riżultati sodisfaċenti fi żmien sitt ġimgħat konsekuttivi. Il-jum li fih jittieħed il-kampjun għandu jinbidel kull ġimgħa sabiex ikun żgur li jkun hemm il-jiem kollha tal-ġimgħa. Il-frekwenza li biha tiġi eżaminata l-karkassa fi stabbilimenti ta' kapaċità baxxa, kif imsemmi fid-Direttiva 64/433/KEE, Artikolu 4, u għal biċċeriji li ma jaħdmux il-ħin kollu, għandha tkun determinata skond kif jiddeċiedi il-veterinarju uffiċjali u skond l-istandard ta' iġjene meta ssir il-qatla f'kull stabbiliment.

Kampjun ta' erba' partijiet minn kull karkassa għandu jittieħed f'nofs il-jum tal-qatla u qabel ma jibda l-proċess biex il-laħam jitkessaħ. L-identità tal-karkassa, data u ħin ta' meta jkun ittieħed il-kampjuni għandhom jiġu reġistrati għal kull kampjun. Qabel ma ssir l-eżami, kampjuni ta' partijiet differenti li minnhom ikun ittieħed il-kampjun. (i.e. laħam tal-koxxa, falda, laħam tas-sidra u għonq) għandhom jinġabru flimkien qabel ma l-karkassa tkun eżaminata. Meta jkun hemm riżultati li ma jistgħux jiġu aċċettati u azzjonijiet korrettivi ma jwasslux biex ikun hemm iġjene aħjar, m'għandhomx jinġabru aktar kampjuni sakemm il-problema ta' preparazzjoni tkun solvuta.

METODU MIKROBIJOLOĠIKU GĦALL-EŻAMI TAL-KAMPJUNI

Kampjuni li jkunu ttieħdu bil-metodu distruttiv jew b'tampuni bil-metodu mhux distruttiv għandhom jinżammu fil-kesħa sa 4 °C sakemm jiġu eżaminati. Il-kampjuni għandhom ikunu omoġenizzati f'borża tal-plastik b'sustanza dilwita għal mill-inqas żewġ minuti ġo 100ml ta' sustanza dilwita (i.e. 0,1 % ta' soluzjoni bl-ilma b'tampun ta' pepton, 0.9 % soluzzjoni ta' klorur tas-sodju) b'madwar 250 dawra ta' *Stomacher* peristaltiku jew *blender* rotatorju omoġenizzat. Kampjuni ta' tampuni jistgħu alternattivament ikunu mħallta sewwa fis-sustanza dilwita. Il-kampjuni għandhom ikunu eżaminati fi żmien 24 siegħa wara li jkun ittieħdilhom kampjun.

Il-proċess dilwit qabel il-*plating* għandu jsir għal għaxar darbiet ġo 0,1 % ta' pepton + 0,85 % NaCL. Is-soluzzjoni bit-tampuni u s-sospensjoni tal-laħam omoġenizzat fil-borża *Stomacher* m' humiex sustanza dilwita u għandhom jitqiesu meta tiġi kalkulata bħala sustanza dilwita 10°.

L-analiżi għandha ssir għal għad vijabbli totali u Enterobacteriaceae. Iżda wara l-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, u wara li jkunu stabbiliti kriterji xierqa, jistgħu jintużaw E. coli minflok dawk Enterobacteriaceae.

B'żieda mal-metodi msemmija, metodi ISO jistgħu ukoll jipprovdu l-bażi għall-eżami tal-kampjuni. Metodi kwantitattivi oħra għall-analiżi tal-bakterja msemmija hawn fuq jistgħu jintużaw kemm-il darba jkunu ġew approvati mis-CEN jew korp xjentifiku rikonoxxut u wara l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

REĠISTRAZZJONI

Ir-riżultati ta' l-eżamijiet kollha għandhom ikunu reġistrati f'unitajiet li jifformaw kolonja (cfu)/cm² tal-wiċċ. Sabiex ikun hemm valutazzjoni tar-riżultati, dawn għandhom jintwerew fi grafiċi jew tabelli li jkollhom għall-inqas l-aħħar 13-il riżultat tat-test fil-ġimgħa f'ordni kronoloġoġiku. Ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi t-tip, l-oriġini u l-identità tal-kampjun, id-data u l-ħin ta' meta jkun sar il-kampjun, l-isem tal-persuna li tkun ħadet il-kampjun, l-isem u l-indirizz tal-laboratorju li jkun analizza l-kampjun, id-data ta' l-investigazzjoni tal-kampjuni fil-laboratorju u dettalji tal-metodu li ntuża, inkluża l-injezzjoni ta' diversi agar, temperatura ta' l-inkubazzjoni, żmien, u riżultati bħala numru ta' cfu għal kull *plate* li ntuża biex jikkalkula r-riżultat f'cfu/cm² tal-wiċċ.

Persuna responsabbli mil-laboratorju għandha tiffirma r-reġistrazzjoni.

Id-dokumenti għandhom jinżammu fl-istabbiliment għal mill-inqas 18-il xahar u għandhom ikunu preżentati lill-veterinarju uffiċjali meta jintalbu.

APPLIKAZZJONI TA' KRITERJI MIKROBIJOLOĠIĊI GĦALR-RIŻULTATI TAT-TEST TA' KAMPJUNI MEĦUDA BIL-METODU DISTRUTTIV (tabella 1)

Riżultati medji log ta' kuljum għandhom ikunu allokati f'waħda minn tlett kategoriji għall-verifika tal-kontroll tal-proċess: aċċettabbli, marġinali u mhux aċċettabbli. "M" u "m" juru l-limiti ta' fuq għall-kategoriji marġinali u aċċettabbli għal kampjuni meħuda skond il-metodu distruttiv.

Sabiex tinkiseb standardizzazzjoni ta' l-industrija u sabiex ikun hemm aċċess għal bażi ta' data valida, huwa meħtieġ li jintuża l-iktar metodu affidabbli disponibbli. Għalhekk huwa mportanti li wieħed jiftakar li l-kampjun tat-tampun ineħħi biss proporzjon (spiss ta' 20 % jew inqas) tal-flora kollha preżenti fuq il-wiċċ tal-laħam. B'hekk huwa biss indikatur ta' l-iġjene tal-wiċċ.

Jekk jintużaw metodi oħra barra dak distruttiv, il-kriterji tal-funzjonijiet mikrobijoloġiċi jridu jiġu stabbiliti individwalment għal kull metodu applikat sabiex jiġu relatati mal-metodu distruttiv, u approvati mill-awtorità kompetenti.

KRITERJI TA' VERIFIKA

Ir-riżultati ta' l-eżamajiet għandhom jiġu kategorizzati skond il-kriterji mikrobijoloġiċi rispettivi fl-istess ordni li fiha jkunu nġabru l-kampjuni. Ma' kull riżultat ta' eżami ġdid, il-kriterji ta' verifika jiġu applikati mill-ġdid biex jivvalutaw l-istat tal-kontroll tal-proċess f'dak li għandu x'jaqsam ma' kontaminazzjoni ta' skart uman u ma' l-iġjene. Riżultat li ma jkunx aċċettabbli jew riżultat b'indikazzjonijiet marġinali mhux sodisfaċenti għandu jagħti bidu għal azzjoni li terġa' tirrevedi l-kontrolli tal-proċess, issib, jekk jista' jkun, il-kawża u tevita li jerġa' jiġri l-istess.

KOMUNIKAZZJONI TA' RIŻULTATI

Ir-riżultati ta' l-eżami għandhom jintbagħtu lil persuna responsabbli malajr kemm jista' jkun. Ir-riżultati għandhom jintużaw biex jinżammu u jtejbu l-kundizzjonijiet ta' l-iġjene fejn isir il-qtil. Kawżi ta' riżultati ħżiena jista' jkollhom kjarifika permezz ta' konsultazzjoni ma' l-i*staff* tal-biċċerija fejn jistgħu jkunu diskussi l-aspetti li ġejjin: 1. proċeduri ħżiena ta' xogħol, 2. taħriġ u struzzjonijiet neqsin jew mhux biżżejjed, 3. użu mhux adattat ta' mezzi ta' tindif u/jew prodotti disinfettanti u kimiċi, 4. manutenzjoni u tagħmir għall-indafa ħżiena, u 5. nuqqas ta' kontroll.

Tabella 1:

Valuri medji log ta' kuljum għal riżultati marġinali u inaċċettabbli għall-kriterji tal-funzjonijiet batterjoloġiċi għall-unitajiet ta' bovini, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż u żwiemel (cfu/cm²) għal kampjuni meħuda bil-metodu distruttiv.

Grad aċċettabbli		Grad marġinali (> m but > M)	Grad inaċċettabbli (> M)	
baqar/nagħaġ/mogħoż/żwiemel	ħnieżer	baqar/ħnieżer/nagħaġ/mogħoż/żwiemel	baqar/ħnieżer/nagħaġ/mogħoż/żwiemel	
Għadd totali vijabbli (TVC)	< 35 log	< 4,0 log	< 35 log (ħnieżer: 4,0 log) – 5,0 log	> 5,0 log
Enterobacteriaceae	< 1,5 log	< 2,0 log	1,5 log (ħnieżer: 2,0 log) – 2,5 log (ħnieżer: 3,0 log)	> 2,5 log (ħnieżer: > 3,0 log)

2. **KAMPJUNI BATTERJOLOĠIĊI GĦAL KONTROLLI U DIŻINFETTAR FIL-BIĊĊERIJI U STABBILIMENTI GĦAT-TQATTIGĦ TAL-LAĦAM**

Il-kampjuni batterjoloġiċi deskritti għandhom jiġu applikati skond il-proċeduri operattivi sanitarji (SSOPs) li jispeċifikaw l-kontrolli ta' l-iġjene li għandhom isiru qabel l-operazzjonijiet f'postijiet li għandhom rabta diretta ma' l-iġjene.

METODU TA' KIF JITTIEĦED KAMPJUN

Din il-gwida tiddeskrivi l-metodu ta' kuntatt bil-*plating* u t-teknika tat-tampun. L-użu ta' dawn il-metodi huwa limitat għall-eżami ta' l-uċuħ, li jkunu nodfa u diżinfettati, xotti, ċatti, kbar biżżejjed u lixxi.

Għandhom anki jintużaw dejjem qabel ma tibda l-produzzjoni - qatt waqt il-produzzjoni. Jekk ikun hemm ħmieġ jidher it-tindif għandu jitqies inaċċettabbli mingħajr aktar valutazzjoni mikrobijoloġika.

Dan il-metodu mhux adattat sabiex jittieħdu kampjuni tal-laħam jew prodotti tal-laħam.

Metodi li joffru garanziji ekwivalenti jistgħu jintużaw wara l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

METODU *CONTACT PLATE AGAR*

Għall-metodu agar contact plate, dixxijiet żgħar tal-plastik bl-għotjien (i.e. diametru intern 5,0 cm) mimlija bi plate count agar (skond l-ISO verżjoni attwali) u dixxijiet mimlija b'violet red bile glucose agar (VRBG agar skond ISO, verżjoni attwali) jiġu pressati fuq kull parti li minnha jittieħed il-kampjun u mbagħad jgħaddu għall-inkubazzjoni. Il-wiċċ tal-kuntatt ta' kull plate huwa ta' 20cm.

Wara l-preparazzjoni agar jibqa' tajjeb għal bejn wieħed u ieħor tlett xhur meta jinżamm f'temperatura ta' 2 sa 4 C fi fliexken magħluqa. Ftit qabel il-preparazzjoni tal-plates, l-agar rilevanti jrid jiddewweb sa 100 °C u jiġi mkessaħ minn 46 °C sa 48 °C. Il-*plates* iridu jitpoġġew f'kabina b'kurrent ta' arja laminari u mimlija bl-agar sakemm jintlaħaq ikun hemm wiċċ konvess. Il-plates li jkunu ġew preparati għandhom jiġu xxuttati qabel l-użu billi jgħaddu mill-inkubazzjoni ta' taħt fuq mal-lejl f'temperatura ta' 37 °C. Dan huwa kontroll utli għall-possibiltà ta' kontaminazzjoni waqt il-preparazzjoni, *plates* b'kolonji viżibbli għandhhom jiġu mwarrba.

Il-plates jibqgħu tajbin sa ġimgħa f'temperatura ta' 2 °C sa 4 °C meta jkunu siġillati f'boroż tal-plastik.

IT-TEKNIKA TAT-TAMPUNI

Il-kampjuni għandhom jinġabru b'tampuni tal-qoton niedja b'1 ml ta' 0,1 % ta' NaCl f'soluzzjoni ta' pepton (8,5 g NaCl, 1 g trypton casein-pepton, 0,1 % agar, u 1 000ml ilma distillat) minn wiċċ preferibbilment ta' 20 cm² immarkata *b'template* sterili. Jekk jittieħdu l-kampjuni wara li jkun sar it-tindif u d-diżinfettar ammont ta' 30g/1 Tween 80 u 3g/1 Lecithin (jew prodotti oħra b'effett simili) għandu jiżdied mas-soluzzjoni li żżomm it-tampuni niedja. Għal partijiet li jkunu mxarrbin, tampuni tal-qoton xotti għandhom ikunu biżżejjed.

It-tampuni għandhom jinżammu f'pinzetti sterilizzati u jittieħed tampun tal-kampjun tal-wiċċ kull għaxar darbiet minn fuq għal waqt li tiġi applikata pressjoni tajba fuq il-wiċċ. It-tampuni għandhom jinġabru fi flixkun b'tampun b'40ml b'pepton f'soluzzjoni ta agar salina ta' 0,1 %. Il-kampjuni tat-tampuni għandhom ikunu ffriżati f'temperatura ta' 4 °C sa meta jerġa jkun hemm l-ipproċessar. Il-flixkun għandu jitħawwad sewwa qabel ma jiġi dilwit għal għaxar darbiet f'taħlita ta' 40ml 0,1 % NaCl pepton segwita minn eżami mikrobijoloġika (eż. Teknika drop-plating).

FREKWENZA

Dejjem għandhom jittieħdu 10 jew sa 30 kampjun f'parti kbira ta' produzzjoni fi żmien ħmistax. Tlett kampjuni għandhom jittieħdu minn oġġetti kbar. Jekk ir-riżultati jkunu sodisfaċenti f'perjodu partikolari l-frekwenza li biha jittieħdu l-kampjuni tista' tonqos skond il-ftehim mal-veterinarju uffiċjali. Postijiet li għandhom jirċievu aktar attenzjoni huma dawk li huma destinati li jiġu f'kuntatt mal-prodott. Bejn wieħed u ieħor 2/3 tan-numru kollu ta' kampjuni għandu jittieħed mill-kuntatt fil-wiċċ ta' l-ikel.

Sabiex ikun żgurat li l-uċuh kollha ġew eżaminati fi żmien xahar, għandu jsir pjan li juri minn liema uċuh jistgħu jittieħdu l-kampjuni u f'liema ġranet. Ir-riżultati għandhom jiġu rekordjati u tabelli regolari għandhom isiru biex juru l-iżvilupp matul iż-żmien.

TRASPORT

Il-contact plates użati m'għandhomx bżonn jiġu mkessħa waqt it-trasport u qabel l-inkubazzjoni.

Kampjuni tat-tampuni għandhom jitkessħu sakemm isir iktar proċessar sa temperatura ta' 4 °C.

PROĊEDURI BATTERJOLOĠIĊI

Mad-deskrizzjoni li qed tingħata, jistgħu jintużaw metodi-ISO.

L-għadd batterjoloġiku għandu jiġi reġistrat skond in-numru ta' organiżmi għal kull cm^2 tal-wiċċ. Plate count agar plates injettati u agar contact plates għandhom jgħaddu mill-inkubazzjoni għal 24 siegħa f'temperatura ta' 37 °C ± 1 °C taħt kundizzjonijiet erobiċi għal għadd totali ta' kolonja (TVC). Din il-proċedura għandha ssir fi żmien sagħtejn minn meta jittieħed l-kampjuni. In-numru ta' kolonji batterjoloġiċi għandu jingħad u jiġi reġistrat.

Għal stima kwantitattiva ta' Enterobacteriaceae għandu jintuża agar VRBG. L-inkubazzjoni ta' *plates* injettati u agar contact plates għandha tibda fi żmien sagħtejn minn meta jkunu ttieħdu l-kampjuni taħt kundizzjonijiet erobiċi. Wara 24 siegħa ta' inkubazzjoni f'temperatura ta' 37 °C ± 1 °C il-*plates* għandhom ikunu eżaminati għal isir magħruf jekk żviluppawx Enterobacteriaceae.

Għandhom issiru analiżi għal għadd totali vijabbli. It-teħid ta' kampjuni għal Enterobacteriaceae huwa volontarju jekk ma jkunx mitlub mod ieħor mill-veterinarju uffiċjali.

POSTIJIET GĦALL-KAMPJUNI

Il-punti li ġejjin għandhom, per eżempju, jingħażlu bħala partijiet li minnhom jistgħu jittieħdu l-kampjuni: oġġetti li jisterilizzaw skieken, skieken (minn fejn ix-xafra taqbad mal-manku), skieken lixxi biex jiżvinaw mid-demm, pinzetti, tankijiet għat-tgħolija, magni li jagħlqu l-boroż, mejda għal-brix/sħiħa (porku), xfafar ta' srieraq u xfafar oħra, strumenti li jqaxxru 'l-bovini, strumenti oħra biex iqattgħu il-karkassa, magni biex jillustraw, mametti u kontenituri għat-trasport, *conveyor belts* għat-trasport, fradal, imwejjed għat-tqattigħ, bibien battenti jekk jintmessu mill-karkassa waqt li tkun qed tgħaddi minnhom, kaskati għall-organi ta' l-ikel, partijiet tal-linji ta' produzzjoni li spiss jintmessu mill-karkassi, strutturi fil-għoli li jistgħu iqattru, eċċ.

KALKOLU TAR-RIŻULTATI

Għall-agar contact plates u għat-TVC u l-għadd ta' Enterobacteriaceae ta' l-eżamijiet bit-tampuni, ir-riżultati għandhom jidħlu f'formola ta' reġistrazzjoni. Minħabba l-proċess ta' kontroll ta' verifika tat-tindif u diżinfettar żewġ kategoriji biss għat-TVC u għall- Enterobacteriaceae ġew stabbiliti: aċċettabbli u mhux aċċettabbli. Il-grad aċċettabbli għall-għadd ta' kolonji fuq agar contact plate u l-għadd ta' kolonji ta' TVC jew Enterobacteriaceae (riżultati mill-eżamijiet bit-tampuni) qed jidhru fit-tieni tabella.

Tabella 2:

Valuri medji għall-għadd ta' kolonji għall-eżami tal-wiċċ

Grad aċċettabbli	Mhux aċċettabbli	
Għadd totali vijabbli (TVC)	0 – 10*2	> 10/cm2
Enterobacteriaceae	0 - l/cm2	> l/cm2

KOMUNIKAZZJONI TA' RIZULTATI

Ir-riżultati ta' l-eżami għandhom ikunu rappurtati lill-i*staff* responsabbli malajr kemm jista' jkun. Ir-riżultati għandhom ikunu wżati biex jinżamm il-livell tat-tindif u d-diżinfettar. Kawżi ta' riżultati m' humiex sodisfaċenti għandhom jiġu ċarati permezz ta' konsultazzjoni mal-*personnel* responsabbli għat-tindif. Il-fatturi li ġejjin jistgħu jkollhom x'jaqsmu: 1. nuqqas ta' struzzjonijiet jew struzzjonijiet m' humiex adegwati, 2. l-użu ħażin ta' materjal jew kimiċi ta' tindif u/jew diżinfettant, 3. manutenzjoni mhix tajba ta' l-istrumenti tat-tindif, 4. superviżjoni m' hix tajba.